TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 80/13/GB

**Mary Tabone**

**vs**

**Classic Design Woodworks**

Illum 17 ta' Lulju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-1 ta' April, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' erbgha mija u hamsin Ewro Ewro (€450.00), rapprezentanti l-prezz li hija hallset lis-socjeta' ntimata ghal bieb ta' barra gdid, ghal liema ix-xoghol ma sarx kif suppost.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Id-decizjoni taghha li tbiddel il-bieb ma' wiehed gdid kien ghall-fatt li l-bieb li kellha maz-zmien kien infettah, b'hafna xquq u s-sahha tieghu ta' bieb naqset hafna, u ghalhekk hija bezghat li ma kienx ta' sigurta' bizzejjed ghaliha.

Ma' l-ordni tal-bieb gdid, ir-rikorrenti kienet tkellmet mas-socjeta' ntimata, fejn hija gibditilha l-attenzjoni li l-bieb rieditu sigur u mahdum tajjeb, b'mod specjali li ma rieditx tara xquq u dawl gej minnu.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 2122....

Mat-twahhil tal-bieb il-gdid, ir-rikorrenti bdiet tara d-difetti, li huma:

1. Bil-bieb maghluq, id-dawl ta' barra (kemm b'inhar, kif ukoll filghaxija) kien jidher diehel mal-gnub tal-bieb, minhabba li s-'sealer' ta' mad-dawra tal-bieb ma kienx sar. Ir-rikorrenti kellha targumenta mas-socjeta' ntimata biex dan sar.

2. Madanakollu, id-dawl ghadu jidher diehel minn bejn il-bieb u c-caccis.

3. Biex twahhal il-bieb, kellhom jaqtaw bic-'chaser' l-irham. Fejn tqatta' l-irham hallew toqba u ma kienx hemm il-kuxjenza li mqar jimlew it-toqba b'tahlita tajba ta' cement u ramel biex ix-xoghol jigi pulit u fi stat ta' kwazi li kien.

4. Meta r-rikorrenti gibdet l-attenzjoni tas-socjeta' ntimata fir-rigward tad-dawl, hija qaltilha illi dan kien ghaliex il-bieb jismen.

5. Is-serratura hija gdida u ovvja giet mal-bieb, imma m'hijiex tahdem kif suppost. Wahda mill-funzjonijiet taghha hi li permezz ta' l-'intercom' tiftah il-bieb minn fuq. Dan huwa ta' nkonvenjent ghar-rikorrenti ghaliex qieghda tuza hafna l-istair lift biex tinzel tiftah, meta l-bieb il-gdid gie jiswa' elf u erbgha mitt Ewro (€1,400.00)

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija ghamlet minn kollox u kif suppost sabiex taqdi lir-rikorrenti, pero' kollu ghal xejn. L-ewwel ma bdiet kien li l-bieb ma kienx qed jinghalaq u li kellha ssakkru. Kellha buttuna u ghafsitha. U mbaghad, biex is-socjeta' ntimata taghmel il-bieb bis-sealer, li ma kienx skond il-ftehim taghhom. Wara r-rikorrenti regghat cemplet biex is-socjeta' ntimata tmur tkahhal.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tghid illi l-erbgha mija u hamsin Ewro (€450.00) li qieghda titlob huma bbazati fuq il-fatt illi jkollha titla' u tinzel it-tarag diversi drabi biex tiftah ghan-nies ghaliex il-bieb ma jinfetahx, u li ghalhekk hliet hafna dawl tuza c-chair lift.

Ir-rikorrenti ezebiet sett ritratti li gew immarkati bhala Dok.MT1; flimkien ma' kopja tar-ricevuta, li giet immarkata bhala Dok.MT2.

Xehdet Mary Rose, prodotta mir-rikorrenti, fejn fix-xhieda guramentata taghha, hija stqarret li ommha bidlet il-bieb ta' barra biex tehles mix-xquq. Kompliet tghid li s-serratura m'hijiex tajba ghax minn fuq ma jinghalaqx.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, u ziedet tghid illi fis-serratura hemm lever li wriet ir-rikorrenti kif tuzah kemm-il darba. Ikkonfermat li kien hemm xquq mad-dawra tax-xambrelli, u li ssigillatu meta ma kellhiex ghalfejn, kompliet tistqar illi hija marret ghand ir-rikorrenti diversi drabi u sahansitra offretilha hmistax-il Ewro (€15.00) u li ggibilha kahhal.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt illi s-socjeta' ntimata ghamlet diversi attentati sabiex tghin lir-rikorrenti sa anke offretilha alternattivi ohra, liema alternattivi r-rikorrenti baqghet ma accettatx, jikkonkludi illi hekk skond il-provi, l-ammont mitlub m'huwiex ibbazat fuq xi difett fil-bieb per se, pero' huwa bbazat fuq it-telf ta' l-elettriku, ghal liema, l-ewwelnett ma ngabet l-ebda prova, u tieninett problema fl-'intercom' ma taqax taht il-kompitu tas-socjeta' ntimata. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**